# KUNSILL LOKALI IR-RABAT
# IS-SEBA' LEĠIŻLATURA
# MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU 66

| | | |
|---|---|---|
| * | **Il-Kunsill iltaqa` nhar**<br>**It-Tlieta 25 ta' April 2017 fis-7.00 pm**<br>**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat** | Data u ħin |

** **PREŻENTI:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sna Orietta Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

*** **Is-Sindku Charles Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.**

**66.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

66.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Rudolf Grima u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija. Qari tal-ittri ta' apoloġiji

**66.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru 65**

66.2.1 Il-minuti tas-seduta numru 65 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru 65

** Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi daħal għal-laqgħa fis-7.10 ta' filgħaxija.

**66.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

66.3.1 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0415/17**, is-Sindku informa l-laqgħa li l-Ministru kien laqa' r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill biex il-post tal-Kunsillier Paul Grech ma jiġix dikjarat vakanti.

Komunikazzjoni mis-Sindku

** Il-Kunsillier Stephen Borg daħal għal-laqgħa fis-7.15 ta' filgħaxija.

**66.4 Approvazzjoni tal-*Audited Financial Statements* għas-sena 2016**

66.4.1 Is-Sindku Charles Azzopardi u s-Segretarju Eżekuttiv ippreżentaw fuq il-mejda tal-Kunsill l-*Audit Financial Statements* għas-sena 2016 kif ġew aġġustati mill-awdituri tal-kumpanija 3A, liema *accounts* jinsabu annessi ma' dawn il-minuti.

Approvazzjoni tal-*Audited Financial Statements* għas-sena 2016

Is-Sindku talab lill-*accountant* tal-Kunsill, is-Sur Paul Bugeja sabiex jispjega l-aġġustamenti li saru.

66.4.2 Wara li l-*accountant* tal-Kunsill għamel l-ispjegazzjonijiet tiegħu u ma kienx hemm iktar domandi, is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li dawn l-*Audited Financial Statements* jiġu approvati. Issekondat din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill approva unanimament.

**66.5 *Quarterly Financial Statements* (Jannar- Marzu)**

66.5.1 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ippreżentaw il-*Quarterly Financial Statements* għall-perjodu ta' Jannar – Marzu 2017.

*Quarterly Financial Statements* (Jannar- Marzu)

66.5.2 Is-Sindku ppropona li l-*Quarterly Report* jiġi approvat hekk kif ippreżentat. Issekondat din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja ta' dan il-*Quarterly Report* tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

**66.6 Ħatra ta' ambaxxatur/ambaxxatriċi tal-Vot 16 għal-lokalità tar-Rabat**

66.6.1 Is-Sindku informa l-laqgħa li l-Ambaxxatur Lokali s-Sur Christian Azzopardi kien għalaq it-tmintax-il sena u għaldaqstant m'għadux eliġibbli għal din il-kariga.

Is-Sindku ppropona li s-Sur Mryon Jose` Agius jinħatar Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ għal-lokalità tar-Rabat. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimament.

Ħatra ta' ambaxxatur/ambaxxatriċi tal-Vot 16 għal-lokalità tar-Rabat

**66.7 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

66.7.1 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-iskeda tal-ħlasijiet numru 268 tiġi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tal-imsemmija skeda tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 268

**66.8 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

66.8.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 30 ta' Mejju 2017 fis-7.00 ta' filgħaxija.

Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

66.8.2 Il-laqgħa ntemmet fis-7.35 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum ............................. ........... ta'.......................... 2017

| | |
|---|---|
| **(IFFIRMATA)** | **(IFFIRMATA)** |
| **Charles Azzopardi** | **Orietta Cardona** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |